MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 496/2014

**GO plc (C-22334)**

**Vs**

**Darren Briffa (ID 192593M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha ewro u sebgha u hamsin centezmu (€407.57c), liema ammont huwa in konnessjoni ma' Duo Pack Bundle Agreement (AC40230448) skont kuntratt datat 3 ta' Settembru, 2012.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' 'nadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata.

Elenku ta' dokumenti mehmuza:

Dok A – Prospett

Dok B – Kuntratt

Dok C – Estratt mir-Registru Elettorali

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-20 ta' Jannar, 2015 mill-Avukat Dr Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' erba' mija u sebgha ewro u sebgha u hamsin centezmu (€407.57c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------